TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Juanita Busuttil

vs

Flamingo - Mirage Holdings Ltd

CCT 128/20/MS

24 ta' Marzu 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-18 ta' Settembru 2020 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' seba' mija disgha u disghin euro, prezz ta' *dishwasher* mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema dishwasher zviluppatilha hsara fil-*motherboard* entro t-terminu tal-garanzija;

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talba attrici u qalet li l-hsara rappurtata kien kompatibbli ma' intrusjoni ta' xi annimali bhal grieden illi kkawzaw il-hsara u ghalhekk il-garanzija ma baqghetx valida.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi f'Awwissu 2016 ir-rikorrent xtrat dishwasher minghand is-socjeta' intimata ghal prezz ta' €799.00. Ftit inqas minn erba snin wara, f'April 2020, il-magna splodiet. Minhabba li kienet ghadha bdiet il-pandemija kien biss f'Gunju sakemm gie tekniku mis-socjeta' intimata biex jikkonstata l-hsara. Dawwarha fuq il-genb taghha, kkonferma li kien hemm hafna hsara u ghadda kumment li r-rikorrenti kienet fortunata li l-magna kienet ghadha taht garanzija peress illi l-hsara kienet estensiva.

Ftit jiem wara gew ghaliha t-technicians u haduha l-workshop taghhom u kien hemmhekk li r-rikorrenti rceviet telefonata minn certu Andrew Camilleri li nfurmaha li kienu sabu evidenza ta' *droppings* tal-grieden u li ghalhekk ma kienux ser isewwuha taht il-garanzija. Ir-rikorrenti tghid illi l-ewwel darba li gie t-tekniku ghandha ma semmielha xejn fuq *droppings* u cahdet illi ghandha l-grieden fid-dar taghha. Ir-rikorrenti tghid illi kellha tixtri magna gdida u ghalhekk talbet ir-rifuzjoni tal-prezz li hallset meta xtratha.

Illi min-naha l-ohra Andrew Camilleri, filwaqt li kkonferma illi l-kumpanija rceviet telefonata minghand ir-rikorrenti, ighid illi kienu disposti illi jigbru l-magna f'April minn wara l-bieb taghha, pero' r-rikorrenti ma accettatx il-proposta u ghalhekk xahrejn wara, fil-15 ta' Gunju 2020, gabru l-magna u haduha ghat-tiswija. Fis-16 ta' Gunju bdew jahdmu fuqha u t-tekniku, li kien mar ghand is-sinjura, sab li l-pompa kienet mahruqa, sab ukoll xi *residue* u tgerrim fil-*felt*. Meta sabu hekk infurmaw lir-rikorrenti li l-*motherboard* kienet inharqet minhabba intrusjoni, x'aktarx ta' gurdien. Ighid illi t-tekniku sab izjed droppings u aktar hmieg ta' gurdien u peress illi l-garanzija kienet teskludi *'tampering u disturbance'* ma baqghetx iktar valida.

Illi l-garanzija esebita teskludi hsarat kkawzati minn hekk imsejha public disturbances:

*The guarantee does not cover faults which may arise out of accidents, acts of God or any other cause beyond our control, including but not limited to lightning, water, fire, public disturbances ……*

Illi xehed ukoll it-tekniku Carmel Demicoli li mar fuq il-post tar-rikorrenti l-ewwel darba u li anke hadem fuq il-magna wara. Ikkonferma illi malli fetah il-magna sab it-tgerrim. Ighid li ma setax jinduna bit-tgerrim dakinhar meta mar ghand ir-rikorrenti u dakinhar kien sab biss li l-magna kienet mahruqa minghajr ma seta' jara droppings jew tgerrim.

Ikkunsidra

Illi bhala fatt, din hija t-tieni magna minxtrija mir-rikorrenti f'temp ta' ghaxar snin. L-ewwel magna inxtrat fi Frar 2009 u seba snin wara zviluppat hsara u peress illi ma kenitx ghadha taht garanzija, r-rikorrent xtrat magna ohra bhala, li wara erba' snin zviluppat hsara estensiva.

Illi l-argument principali tar-rikorrenti hu illi dakinhar li gie t-tekniku ghandha u ghalhekk 'a tempo vergine', ma semma xejn fuq *droppings* u intruzjoni ta' grieden. Ir-rikorrenti temmen allura illi din kienet skuza min-naha tas-socjeta' intimata biex ma tbiddilx il-magna. Tghid ukoll illi hi ghandha l-klieb u ghalhekk li kieku kien hemm xi intruzjoni tal-grieden, din kienet tinduna mill-klieb. Ir-rikorrenti qed titlob ir-rifuzjoni tal-prezz kollu peress illi kellha tixtri ohra.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi l-livell tal-prova f'kazijiet civili huwa dik tal-probabbli u biex ir-rikorrenti jkollha success fil-kawza taghha trid tipprova almenu fuq bazi ta' probabbilita' illi

din il-magna kellha difett latenti. Illi huwa ben saput illi min jallega irrid jipprova. Ir-rikorrenti gabet prova li xtrat zewg magni (tal-istess ditta) mis-socjeta' intimata li t-tnejn zviluppaw hsarat estensivi. L-ewwel magna ntrat fis-sena 2009 u zviluppat dawn il-hsarat wara xi sitt snin u nofs, filwaqt illi t-tieni magna nxtrat fis-sena 2016 u zviluppat il-hsarat wara xi erba snin u allura entro l-perjodu tal-garanzija. L-ilment sar fuq din it-tieni magna.

Min-naha l-ohra Andrew Camilleri, rapprezentant tas-socjeta' intimata, li kien prezenti meta l-magna infethet, xehed illi l-hsarat kienu kkawzati x'aktarx minn intrusjoni ta' gurdien/ grieden. Xehed ukoll illi kif sabu t-tgerrim fil-*felt*, huwa gieghel it-tekniku biex ikompli jindaga u hemm sab iktar residue, droppings u hmieg ta' guriden. Min-naha tas-socjeta' intimata xehed ukoll it-tekniku illi pprova jsewwi l-magna, li qal illi nduna bid-droppings u bit-tgerrim biss meta hadem fuq il-magna tar-rikorrenti u li ma setax jinduna bihom qabel ma fethu l-workshop. Gew esebiti ritratti illi wiehed minnhom huwa kompatibbli ma' tgerrim u thaffir.

Ikkunsidra

Illi f'kazijiet bhal dawn, l-ahjar prova hija dejjem xhieda ta' tekniku illi jmur fuq il-post u jikkonstata l-fatti. Kien ikun ahjar li kieku ir-rikorrenti gabet espert ex parte biex taghmel dan l-esercizzju, pero' din m'ghamlitux. It-Tribunal ma jistax jinjora x-xhieda guramentata tat-tekniku u tar-rapprezentant tas-socjeta' intimata, li t-tnejn xehdu li kien hemm evidenza ta' presenza ta' annimal - x'aktarx gurdien. Ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova li xxejjen l-esercizzju li ghamlet is-socjeta intimata. Il-fatt illi r-rikorrenti ghandha l-klieb mhijiex prova li teskludi l-fatt illi seta' kien hemm intruzjoni u cjoe' gurdien zghir li jidhol fil-magna minn xi pajp jew toqba u mhux idur mas-saqajn.

Ghalhekk, It-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni tas-socjeta' intimata hija probabbli fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri Av.
Arbitru